# Kawża u Effett

**Livell 2**

**L.I. Nitgħallem fuq il-<u>Kawża u l-Effett</u>**

**L-għalliema tat dawn iż-żewġ stampi lit-tfal:**






**Qaltilhom biex jiktbu ftit sentenzi biex juru li jafu x'inhi Kawża u x'inhu Effett.**

**Johnny kiteb hekk:**

Il-kelb tela mal-bank fejn kien hemm il-pilloli. Huwa ħa l-pilloli u ħassu ma jiflaħx.

## L-għalliema tat *feedback* orali lil Johnny.

**Għalliema:** Johnny, x'kienet il-kawża li l-kelb ħassu ma jiflaħx?

**Johnny:** Il-kawża kienet il-pilloli għax hu ħadhom bla ma kellu bżonnhom.

**Għalliema:** Bravu Johnny. Allura x'kien l-effett tal-pilloli li ħa l-kelb bla ma kellu bżonnhom?

**Johnny:** L-effett kien li l-kelb ħassu mgħaxxex, imdejjaq u mitluq.

**Xi ħaġa għalik.**

**Ħares lejn dawn iż-żewġ stampi.**





**Ikteb ftit sentenzi biex inti wkoll turi li taf x'inhuma Kawża u Effett.**